

Brussell, 26 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10505/18

AGRI 315
AGRIFIN 67
FIN 506

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 10/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Skema ta' Pagament Bażiku għall-bdiewa – qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta' għajjnuna" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Ġunju 2018)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2018: "Skema ta' Pagament Bażiku għall-bdiewa – qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta' għajjnuna"

adottati mill-Kunsill fit-3629 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Ġunju 2018.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu:

"Skema ta' Pagament Bażiku għall-bdiewa – qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta' għajnuna "

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 10/2018 dwar l-Iskema ta' Pagament Bażiku (SPB) għall-bdiewa, li jivvaluta l-introduzzjoni tal-SPB u l-ġestjoni tal-implimentazzjoni tagħha mill-Kummissjoni fuq l-isfond tal-qafas legali tal-UE u l-oġettivi tal-Politika Agrikola Komuni (KAP);
2. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-pagamenti diretti fil-provvediment ta' appoġġ għall-introjt, fil-ħlas tal-bdiewa għall-provvista ta' beni u servizzi pubbliċi, fl-appoġġ tal-attività agrikola fil-partijiet kollha tal-UE u fil-kontribut għall-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp tal-ekonomiji rurali;
3. JINNOTA li l-Qorti ssib li l-SPB għall-bdiewa qed topera tajjeb, iżda hemm lok għat-titjib tal-impatt tagħha fuq is-simplifikazzjoni;
4. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tieġu kont tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fl-implimentazzjoni tal-SPB attwali rigward:
 - l-implimentazzjoni tal-kontrolli ewlenin tal-aġenziji tal-pagamenti;
 - Ir-rwol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
5. JAPPELLA lill-Kummissjoni, bil-ħsieb tal-perijodu tal-ipprogrammar tal-PAK li jmiss, li tikseb simplifikazzjoni konkreta fil-provvediment ta' pagamenti diretti u li tiżgura d-disponibbiltà kontinwa għall-Istati Membri kollha ta' skemi ta' pagamenti diżakkoppjamentati skont l-erja (bħall-SPB attwali jew Skema ta' Pagament Uniku Skont l-Erja), inkluż l-alternattiva li ma jintużawx intitolamenti għal pagament.